MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2003

Numru 760/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**vs**

**Jesmond Vella**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Jesmond Vella ta’ 35 sena bin Gaetano u Karmena nee’ Tabone imwieled Pieta’ fil-15 ta’ April, 1968 u residenti San Pawl il-Bahar, Malta, detentur ta’ karta ta’ identita numru 179768(M) akkuzat talli:

a) f’dawn il-Gzejjer, fix-xahar ta’ Mejju 2002 u fix-xhur ta’ qabel u wara, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda b’mezzi kontra l-Ligi, jew

billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal, tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b’qerq ta’ Lm110 ghad-dannu ta’ John Laus u diversi persuni, bi ksur ta’ l-Artikolu 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

b) fil-11 ta’ Settembru 2002, irrifjuta li jaghti, jew jaghti falz, lil ufficjal pubbliku jew lil wiehed iehor li jkun inkarigat minn servizz pubbliku waqt li jkun jaghmel id-dmirijiet tieghu, ismu, kunjomu, fejn joqghod u partikularitajiet ohra, dan bi ksur ta’ l-Artikolu 338(g) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet il-provi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Billi jirrisultalha sodisfacjentement mill-provi li semghet li l-imputat ghandu jinstab hati tal-akkuzi kontrih dedotti, qeghdha ghalhekk issibu hati.

Rat l-artikolu 308, 309, 310, 338(g) u 17 tal-Kap 9 tiddecidi li tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal zmien sena u tikkundannah li jhallas lill-kwerelant John Laus is-somma ta’ Lm70 zmien sitt xhur millum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------